31997D0761

L 310/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 13.11.1997

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Novembru 1997

## li tapprova l-mekkaniżmu li jappoġġa l-ħolqien ta' proġetti transnazzjonali konġunti għall-SMEs fil-Komunità

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(97/761/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/15/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 fuq it-tielet Programm multiannwali għall-intrapriżi ta' daqs medju u żgħir (SMEs) fl-Unjoni Ewropea (mill-1997 sal-2000) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

(1) Billi l-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha ta' l-10 ta' Lulju 1996 fuq il-programm integrat favur l-SMEs ([2]), għamlet enfasi fuq in-nuqqas ta' strumenti finanzjari li jagħtu għajnuna lill-SMEs li jixtiequ jagħmlu investimenti transnazzjonali;

(2) Billi, fl-opinjoni tal-31 ta' Ottubru 1996 ([3]), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kkunsidra li ftit wisq mill-SMEs qed jinvestu f'livell transnazzjonali u jidħlu fi swieq ġodda fi Stati Membri oħra u li dan huwa minħabba nuqqas ta' strument finanzjarju adegwat;

(3) Billi, fid-9 ta' Diċembru 1996 fir-riżoluzzjoni tiegħu fuq il-program integrat ([4]), il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi lill-SMEs biex iwaqqfu jew jiżviluppaw attività fi Stat Membru ieħor billi tneħħi l-ostakoli għall-investiment transkonfinanti u bil-ħolqien ta' proġetti konġunti fl-Unjoni Ewropea;

(4) Billi l-Kunsill, meta addotta d-Deċiżjoni Nru 97/15/KE, ikkunsidra li l-SMEs li l-attivitajiet tagħhom imorru lilhinn mill-fruntieri għandu jkollhom għajnuna biex jegħlbu xi debbolezzi strutturali;

(5) Billi, fil-konklużjonijiet tagħha, il-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Amsterdam fis-16 u 17 ta' Lulju 1997 għamlet enfasi fuq ir-rwol essenzjali li għandhom l-SMEs fis-suq intern billi jippromwovu t-tkabbir u l-impjiegi fil-Komunità u stiednet lill-Kummissjoni biex tippreżenta inizjattivi rigward il-possibiltà ta' ħolqien ta'impiegi;

(6) Billi l-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni ta' l-24 ta' Mejju 1996 fuq l-Osservatorju Ewropew tal-SMES ([5]) jappella lill-Kummissjoni biex timplimenta l-miżuri li huma l-aktar adattati għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni transnazzjonali bejn l-SMEs;

(7) Billi l-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea esprimew l-interess tagħhom fl-inizjattiva;

(8) Billi l-SMEs ma bbenifikawx biżżejjed mill-opportunitajiet li joffri s-suq intern u, minħabba li ġie ffaċjat bil-globalizzazzjoni tal-kummerċ, is-swieq tradizzjonali tal-SMEs qed jiċkienu;

(9) Billi l-iżvilupp ta' proġetti konġunti bejn l-SMEs tal-Komunità jagħmluha possibli li jsir użu aħjar mill-opportunitajiet tas-suq intern, biex jitkabbru l-investiment u l-kummerċ u biex ikun hemm impatt pożittiv fuq l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku.

(10) Billi l-SMEs jiltaqgħu ta' spiss ma' diffikultajiet biex jiksbu finanzjament bankarju għall-iżvilupp ta' proġetti transnazzjonali konġunti minħabba fir-riskji ogħla għall-istituzzjonijiet finanzjarji;

(11) Billi l-proġetti transnazzjonali konġunti jippromwovu t-trasferiment teknoloġiku u jtejbu l-kompetittività bejn l-imsieħba;

(12) Billi l-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat previst mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 97/15/KE,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Deskrizzjoni ta' l-inizjattiva**

L-inizjattiva koperta b'din id-Deċiżjoni, relatata mal-'Proġett Ewropew Konġunt' (JEV), għandha tikkonsisti f'appoġġ għall-istabbilliment mill-SMEs ta' proġetti transnazzjonali konġunti ġol-Komunità.

([1]) ĠU L 6, ta' l-10.1.1997, p. 25.
([2]) KUM(96) 329 finali.
([3]) ĠU C 56, ta' l-24.2.1997, p. 7.
([4]) ĠU C 18, tas-17.1.1997, p. 1.
([5]) ĠU C 166, ta' l-10.6.1996, p. 238.

*Artikolu 2*

**L-ammont massimu għal kull proġett u l-ispejjeż eliġibbli**

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità hija intiża biex tkopri parti mill-ispejjeż li jintnefqu għall-istabbiliment ta' proġett konġunt.

Il-kontribuzzjoni massima għal kull proġett għandha tkun ta' 100 000 ECU li jkopru:

(a) sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli, sa ammont massimu ta' 50 000 ECU;

(b) sa 10 % ta' l-ammont totali tal-investiment li jkun sar.

L-ispejjeż eliġibbli għal-finijiet tal-punt (a) huma dawk relatati ma' l-oriġni u l-istabbiliment ta' proġetti transnazzjonali konġunti oriġinati mill-SMEs Ewropej, kif definit fl-Annessi II u I rispettivament. Dawn jinkludu l-ispejjeż speċifikati fl-Anness III u kwalunkwe spejjeż oħra li jkunu essenzjali għall-istabbiliment tal-proġett konġunt.

*Artikolu 3*

**Il-proċeduri**

1. SME li tkun tixtieq tagħmel applikazzjoni taħt din l-iskema għandha tressaqha lil wieħed mill-intermedjarji finanzjarji fin-*network* tal-JEV, imsemmi fl-Artikolu 4. Dan l-intermedjarju għandu jiġi afdat biex jivvaluta l-applikazzjoni u, f'każ ta' opinjoni favorevoli, jgħaddiha lill-Kummissjoni.

2. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha titħallas lill-SME, permezz ta' l-intermedjarju finanzjarju b'mod konformi mal-kondizzjonijet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4.

3. Fil-każ tal-50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli (b'massimu ta' 50 000 ECU), ħlas bil-quddiem li jista' titħallas lura ta' 50 % (massimu ta' 25 000 ECU) għandu jitħallas malli l-applikazzjoni tiġi aċċettata mill-Kummissjoni.

It-tieni ħlas ta' 50 % (massimu ta' 25 000 ECU) għandu jitħallas meta jiġu ppreżentati d-dokumenti ta' l-appoġġ għall-ispejjeż kollha minfuqa fuq il-bażi ta' rapport dettaljat tal-valutazzjoni finali li tippermetti stima tal-fattibilità tal-proġett konġunt kif ukoll ta' l-investiment maħsub. Wara li jiġu aċċettati d-dokumenti mill-Kummissjoni, il-ħlas bil-quddiem li jista jitħallas lura jiġi konvertit f'għotja.

4. Għar-rigward ta' l-investiment li jkun sar, ħlas limitat sa 10 % ta' l-ammont investit għandu jsir wara li jitlesta l-investiment u fuq provi li l-attività l-ġdida tkun bdiet.

5. Kull SME li jkun qed jibbenifika mit-tielet ħlas (10 % ta' l-investiment) għandha tobbliga ruħha li tressaq quddiem il-Kummissjoni, għal perjodu ta' ħames snin, l-informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-proġett konġunt li twaqqaf u partikolarment, fuq l-għadd ta' impjiegi li nħolqu.

Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapporti annwali bbażati fuq inkjesti u, fejn ikun approprjat, fuq żjarat fuq il-post.

*Artikolu 4*

**Il-proċedura ta' l-għażla**

L-applikazzjonijet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' *network* ta' intermedjarji finanzjarji li jagħmlu li jkun fihom istituzzjonijiet li jispeċjalizzaw fl-investimenti finanzjarji, li għandhom jiġu stabbiliti wara li sejħa għal espressjonijet ta' interess tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-eliġibilità ta' l-applikazzjonijiet fid-dawl ta' l-għanijiet tal-programm, partikolarment l-effett fuq l-impjiegi.

Biex l-inizjattiva msemmmija fl-Artikolu 1 titħalla tibda taħdem mill-iktar fis possibbli, għal-ewwel wieħed għandu jirrikorri għan-*network* ta' intermedjarji finanzjarji tal-program JOP ([1]) u l-Entità Teknika ta' l-Għajnuna JOP, li hija speċjalizzata fil-monitoraġġ tal-proġetti. Ammont massimu ta' 5 % tal-*budget* għandu jkun jiġi rriservat biex ikopri l-ispejjeż esterni ta' l-amministrazzjoni tal-inizjattiva.

Magħmula fi Brussel, il-5 ta'Novembru 1997.

*Għall-Kummissjoni*

Christos PAPOUTSIS

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU C 46, tat-22.2.1991, p. 11.

*L-ANNESS I*

## ID-DEFINIZZJONI TA' SMEs

Id-definizzjoni ta' SME għall-finijiet ta' din l-inizjattiva hija dik imniżżla fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 96/280/KE ([1]), jiġifieri li dawn huma intrapriżi li:

— għandhom anqas minn 250 impjegat, u

— għandhom jew dħul annwali ta' mhux iżjed minn 40 miljun ECU jew li t-total tal-karta tal-bilanċi annwali ma jkunx jaqbeż is-27 miljun ECU, u

— jikkonformaw mal-kriterju ta' l-indipendenza.

Il-kriterju dwar l-eliġibiltà jgħodd għal-kull sieħeb li jifforma parti mill-proġett konġunt. Huwa biżżejjed li wieħed minn dawn l-SMEs involuti ma jilħaqx dan il-kriterju biex il-proġett jsir ineliġibbli.

*L-ANNESS II*

## ID-DEFINIZZJONI TA' PROĠETT KONĠUNT

Il-kunċett ta' 'proġett konġunt' għandu jiġi interpretat b'mod wiesa', jiġifieri kull tip ta' konsorzju, sħubija jew proġett konġunt fis-sens dejjaq, ta' natura industrijali, ta' servizz, kummerċjali jew ta'sengħa.

Madankollu, għandhom jintlaħqu tliet kondizzjonijiet:

— l-għan tal-proġett huwa dak li jinħolqu attivitajiet ekonomiċi ġodda, li jinvolvu investiment u l-ħolqien ta' impjiegi fil-Komunità. It-trasferimenti ta' attivitajiet ekonomiċi eżistenti li m'humiex eliġibbli. Bl-istess mod, ix-xiri ta' intrapriżi eżistenti m'huwiex eliġibbli,

— l-imsieħba għandhom jieħdu parti attiva fil-proġett konġunt u jieħdu miżura adegwata ta' responsibiltà. Kull proġett konġunt li fih wieħed mill-imsieħba jkollu iżjed minn 75 % ikun ineliġibbli. Kull bidla fl-ishma tal-proġett konġunt matul it-tliet snin li jiġu wara l-iffirmar tal-kuntratt mal-Kummissjoni għandu jitressaq quddiem il-Kummissjoni għal reviżjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja tiegħu,

— il-proġett konġunt għandu jiġi oriġinat minn talanqas żewġ SMEs minn żewġ Stati Membri differenti.

([1]) ĠU L 107, tat-30.4.1996, p. 4.

*L-ANNESS III*

**L-ISPEJJEŻ ELIĠIBBLI**

1. L-ispejjeż eliġibbli huma dawk li ma jkollohomx x'jaqsmu mal-konċett u l-istabbiliment ta' proġett konġunt:

   — spejjeż li jintnefqu bħala parti mill-istudju (l-istħarriġ tas-suq, il-preparazzjoni tal-qafas legali, l-istima ta' l-impatt ambjentali, l-istandards tekniċi, il-pjan tal-ġestjoni, eċċ.),

   — spejjeż għal esperti esterni (l-avukati, il-konsulenti, l-*accountants*): id-drittijiet ibbażati fuq l-ispejjeż attwali (limitati għal 650 ECU għal kull jum), l-ispejjeż tat-trasport, l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż għas-sussistenza (b'mod konformi mad-disposizzjonijiet stabbiliti fil-qafas tal-kuntratt tal-Kummissjoni għall-provvista tas-servizzi),

   — spejjeż għal esperti interni (relatati ma vjaġġi barra l-pajjiż): allokazzjoni għal kull jum (200 ECU kull jum), spejjeż tat-trasport, akkomodazzjoni u spejjeż għas-sussistenza (b'mod konformi mad-disposizzjonijiet stabbiliti fil-qafas tal-kuntratt tal-Kummissjoni għall-provvista tas-servizzi),

   L-ispejjeż finanzjarji u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' tfixxija ta' sieħeb huma esklużi.

2. Għal-għotja, li tkopri sa 10 % ta' l-investiment li jsir, investiment jitqies bħala kwalunkwe xiri jew produzzjoni ta' assi tanġibbli jew intanġibbli li jiġu reġistrati bħala assi fissi fil-karta tal-bilanċi tal-proġett konġunt u valutati skond l-istandards normalment aċċettati fil-kontijiet.